



## Traduzzjoni tat-traskrizzjoni tal-video. Tagħlim bil-prattika, b'passjoni

Jien Timo minn Franza u bdejt inniedi l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej minħabba li f'Novembru 2018 smajt għall-ewwel darba dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-fjuwils tal-avjazzjoni, il-pitrolju, bis-saħħa tal-irvellijiet tal-“gilets jaunes” li qamu fi Franza, peress li kienu qed jipprotestaw kontra ż-żieda fit-taxxi fuq il-fjuwil tal-karozzi.

Dak iż-żmien fi Brussell, fl-istituzzjonijiet Ewropej it-tassazzjoni fuq il-pitrolju ma kinitx fuq quddiem nett tal-aġenda, għalhekk iddeċidejna li nniedu din l-ECI biex niżguraw li l-istituzzjonijiet Ewropej, l-MPE, il-Kunsill, u kulħadd hawnhekk fi Brussell u lil hinn, fl-ibliet kapitali nazzjonali, jisimgħu dwar ix-xewqa taċ-ċittadini Ewropej biex niżguraw prezz ġust fuq it-tniġġis tal-avjazzjoni.

Wara sitt xhur immexxu l-kampanja u wara li ġbarna aktar minn 60,000 firma, fil-bidu ta' Diċembru sirna nafu li l-Kummissjoni Ewropea kkunsidrat il-proposta tagħna u li l-proposta tat-tassazzjoni fuq il-fjuwils tal-avjazzjoni kienet qed tiżdied fil-Patt Ekoloġiku.

Wara l-aħbar mill-Kummissjoni Ewropea li l-proposta tagħna se tkun fil-Patt Ekoloġiku ħassejna solliet kbir, u konna tassew kuntenti peress li wara kważi sena mmexxu l-kampanja, wara ħafna tnejn u ħidma bla heda matul il-ħin liberu tagħna, irnexxielna niks bu xi ħaġa, u sensazzjoni sabiħa, tafx, li bħala ċittadini tal-UE spiss inħossu li l-politiċi nazzjonali ma jisimgħunx, lanqas dawk lokali, u sfortunatament, inqas u inqas dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-Ewropa, iżda l-ECI hi għodda tassew tajba għal dan, biex issemma' leħnek bħala ċittadin Ewropew kullimkien fl-Ewropa.

Naħseb li l-aktar parti eċċitanti tal-kampanja kollha kienet meta l-gvern Olandiż stedinna f'The Hague għal avveniment intergovernattiv selettiv ħafna biex nitkellmu dwar it-tassazzjoni tal-avjazzjoni u ħassejna li konna speċjali ħafna għax ebda NGO ma ġiet mistiedna, iżda kienet tassew prova li l-politiċi u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet b'mod ġenerali jieħdu l-ECI b'serjetà kbira, għax stednuna għal dan l-avveniment selettiv ħafna.

L-aktar mumentu frustranti kienu meta konna nibagħtu ruxxmata emails kuljum biex inħeġġu lis-sħab jinvolvu ruħhom magħna, biex nitolbu lil personalitajiet magħrufa, jew lil ġurnalisti, jew lil politiċi biex jixxerjaw il-petizzjoni u ftit li xejn konna nirċievu tweġibiet, iżda issa li bdejt naħdem nirrealizza kemm nirċievu emails kuljum, u tibda tifhem bis-siħ għaliex in-nies mhux dejjem iwiegħbu l-email tiegħek, għalhekk tiddejqu xejn taqbd u t-telefown u sempliċiment iċċemplu lin-nies, għamlulhom pressjoni!

Jien Sandro, għandi 22 sena u jien mill-Ġermanja. L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej u l-vjaġġ kollu tagħna tawni ħafna opportunitajiet biex inżid l-għarfien tiegħi u fl-istess ħin tgħallimt, ksibt ħafna esperjenza fil-kummerċjalizzazzjoni, kif nippożizzjonaw ruħna, anke kif nillobbjaw u noħolqu network fost l-organizzazzjonijiet li jixxerjaw l-istess valuri.

Bażikament, l-ikbar ostaklu l-ewwel nett kien li noħorġu b'kampanja pan-Ewropea, peress li aħna sempliċiment studenti u bażikament m'għandna ebda esperjenza f'dan ir-rigward, iżda



fl-istess ħin kien tassew interessanti, għax kelli l-possibbiltà li nuża xi kontenut mill-korsijiet tal-marketing, u b'mod ġenerali li niżviluppa bħala persuna.

Kulħadd jista' jibda inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej bħal din, għax ma kelli l-ebda idea dwar il-politika jew l-istrument qabel ma bdejt l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, iżda għalkemm aħna biss studenti, dħalna fil-Patt Ekoloġiku u l-proposta tagħna ntgħażlet mill-Kummissjoni Ewropea.

Ir-responsabbiltà personali tiegħi matul il-kampanja kienet li nikkuntattja lill-politiċi, nagħmel sħubijiet mal-NGOs, nagħmel xi verifiki ta' sfond, biex nara liema NGOs jew politiċi kienu aktar adatti bħala sħab tagħna, u kellna niffukaw ukoll fuq il-bini ta' komunità Ewropea permezz tal-media soċjali, għax kif tafu, għandna bżonn firem mill-Ewropa kollha.

L-aħjar parti kienet meta ħadna r-responsabbiltà kbira li nwasslu inizjattiva u proposta ta' politika lill-Kummissjoni Ewropea. Meta bdejna l-inizjattiva kellna nibdew induru l-konferenzi, li kienet l-ewwel darba għalija personalment, u bdejna niġru wara rappreżentanti minn NGOs, politiċi, u bdejna nibnu relazzjoni magħhom, peress li aħna studenti u din hija xi ħaġa li ma stajniex nagħmlu waħedna, għalhekk il-bini ta' sħubijiet man-nies li għandhom l-għarfien espert dwar il-kwistjoni kien tassew interessanti u pjaċevoli għalija.

L-aħjar parti, jew forsi l-aktar parti stressanti fil-fatt kienet biex insib il-bilanċ bejn ir-responsabbiltajiet tiegħi bħala student universitarju u wkoll bħala koinizjatur ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej u ta' kampanja pan-Ewropea. Ukoll, peress li konna studenti, u bdejna dan l-isforz b'mod spontanju ħafna, kellna problema serja ta' nuqqas ta' fondi u kellna nkopru l-ispejjeż tagħna stess; madankollu, xtaqt li kont naf qabel dwar il-Forum tal-Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, li jagħti pariri tassew tajbin dwar kif wieħed ikun jista' jikseb il-fondi għal nies bħalna li ma għandhomx esperjenza.

Sħabi ma fehmux verament l-isforz tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej jew ta' kampanja pan-Ewropea. Jifhemmu l-urġenza li jeħtieġ li tittieħed azzjoni ambjentali, iżda l-proċedura tal-ECI kollha kemm hi ma kinitx ċara għalihom, peress li mhumix qed jittrattaw ma' kwistjonijiet Ewropej, iżda ridt nispjegalhom li mhix xi ħaġa diffiċli ħafna, kemm titgħallem xi affarijiet bażiċi ħafna dwar kif jaħdem l-istrument u mbagħad trid sempliċiment issib politika, jew problema, jew tħassib li jħabbtu wiċċhom miegħu ħafna Ewropej fl-Ewropa kollha, u dan għandu jkun ukoll tħassib li jista' jinbidel f'inizjattiva, u xi ħaġa li tqanqlek.

Inħeġġeġ lin-nies li għandhom problema, jew tħassib li jħabbtu wiċċhom miegħu ħafna ċittadini Ewropej biex ma jaħsbuwx darbtejn, u jieħdu azzjoni, għax fl-aħħar mill-aħħar titgħallem biss billi tipprova, u din hi wkoll l-esperjenza tagħna. Ma kellniex esperjenza fil-qasam, fil-politika b'mod ġenerali, fit-tfassil tal-politika, iżda dawn huma affarijiet li titgħallem maż-żmien.



Għalhekk, tassew nixtieq nišhaq: jekk għandkom idea dwar kif issawru l-futur tal-Ewropa, jew kif issolvu problema, jekk jogħġobkom tibqgħux lura u ibdew l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej tagħkom!

Mhux dejjem faċli li tniedi ECI, hu proċess twil, proċedura diffiċli, xi drabi estremament frustranti, iżda l-aktar parti importanti hi li qatt ma taqtgħu qalbkom!

Taqtgħu qalbkom qatt, dejjem emmnu fil-proposta tagħkom, kunu ċerti li temmnu fil-proposta tagħkom, inkella x'aktarx li taqtgħu qalbkom f'nofs triq, mela araw li tkunu tħobbu l-proposta tagħkom u li tqanqlilkom passjoni, għal darb'oħra, taqtgħu qalbkom qatt!

